MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-12 ta' April, 2007

Numru 433/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR NEZREN GRIXTI**

**VS**

**KENNETH PISANI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Kenneth Pisani, ta’ 29 sena, bin Joseph u Beatrice nee’ Zammit, imwieled Tal-Pieta’, nhar is-27 ta’ April, 1975, u residenti fil-fond numru 28, Triq Birzebbuga, Birzebbuga, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 222275(M);

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, nhar nhar is-7 ta’ Awwissu, 2004 u matul dawn l-ahhar tnax-il xahar qabel, gewwa Birzebbuga, u bnadi ohra f’Malta f’hinijiet differenti:

1. Kellu fil-pussess tieghu mingahjr awtorita' legali, jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtara jew ircieva mingahnd xi persuna/i, jew kellu fil-kustodja jew pussess tieghu biljett tal-flus falsifikat li kien jaf li l-istess kien falsifikat, u dan bi ksur tal-Kap 204, Art 46 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat f'dan l-istadju ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Wara li rat l-Artikoli 46, u 49A tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta;
U kif ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat Kenneth Pisani hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tikkundannah ghal tmintax(18)-il xahar prigunerija, sospizi ghal tlitt (3) snin, ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Barra minn hekk din il-Qorti tordna l-konfiska tal-biljetti foloz a favur il-Bank Centrali ta' Malta.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komuniktata lill-Gvernatur tal-Bank Centrali ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------